MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 814/2003

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**Vs**
**C B f' ismiha proprju u ghan-nom ta' binha minuri D B; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta; u E F kjamat fil-kawza b' digriet tat-23 ta' Gunju 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur ilu de facto separat minn ma martu l-konvenuta C B minn Settembru tas-sena 2001;

Peress illi appuntu mix-xahar ta' Settembru 2001 sal-gurnata tallum, l-attur ma baqax jikkoabita ma' martu, l-imsemmija konvenuta C B;

Peress illi tul dan iz-zmien kollu sa ftit xhur ilu, l-konvenuta kienet qieghda tikkoabita ma' ragel iehor bl-isem ta' E F;

Peress illi nhar it-23 ta' April tas-sena 2003, il-konvenuta martu C B weldet tarbija tas-sess maskili gewwa l-klinika ta' Saint James, Zabbar liema tarbija nghatat l-isem ta' D;

Peress illi skond ic-certifikat tat-twelid ta' l-istess tarbija mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta datat 9 ta' Mejju 2003 u li jgib in-numru 1587 gie registrat li missier l-imsemmija tarbija huwa l-attur A B, Dok A;

Peress illi l-attur A B qatt ma seta jkun u fil-fatt ma hux il-missier ta' l-imsemmija tarbija stante li mhux biss ghal dawn l-ahhar sentejn ma kellu ebda relazzjoni ma' martu l-konvenuta C B izda lanqas biss ikkoabita maghha u lanqas biss avvicinaha b'ebda mod;

Premess illi nhar is-26 ta' Lulju 2005 il-konvenuta C B welldet tarbija tas-sess maskili fl-Isptar San Luqa, liema tarbija nghatat l-isem Jaden, u li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 257/05 gie registrat li missier l-imsemmija tarbija huwa l-attur, Dok. B;

Ighidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-attur ma hux tassew il-missier tat-tarbija mwielda minn martu l-konvenuta C B bl-isem ta' D B, kif ukoll tal-minuri Jaden B;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta datat 9 ta' Mejju 2003 li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni 1587 kif ukoll fl-Att tat-Twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta datat 17 ta' Awissu 2005 li jgib in-numru ta Iskrizzjoni 2571/2005;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici u necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifika t-taghrif ta’ l-omm fl-Att ta’ Twelid in koncernat.

3. Illi ghandhom jinhatru kuraturi biex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri peress illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi l-attur ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali E F biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu u jirrizulta mill-provi prodotti a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti li E F huwa fil-fatt il-missier naturali, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi tad-dettalji tat-Twelid in kwistjoni.
6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta C B:

1. Illi l-eccipjenti taqbel bhala fatt mal-ewwel talba attrici illi ghandu jigi dikjarat illi l-minuri D B mhux il-wild naturali tal-attur.

2. Illi ghal dak illi jirrigwarda t-tieni talba, l-eccipjenti filwaqt illi taqbel illi jithassar isem l-attur mill-kolonna li

tiffigura missier it-tarbija, kif ukoll il-konnotati kollha tal-istess attur, toggezzjona ghat-talba illi tali kliem jigi sostitwit bil-kliem “missier mhux maghruf” u dan stante illi l-missier naturali tat-tarbija D, huwa E F, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, b’dan illi se mai isem l-attur ghandu jigi sostitwit bl-isem ta’ E F u dan fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 1587 tas-sena 2003 u fejn jehtieg fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

3. Illi filwaqt illi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fid-dawl tal-eccezzjonijiet suesposti, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta’ dawn il-partijiet;

Rat li l-kjamat fil-kawza prezenta nota li permezz taghha ddikjara li jaqbel li l-minuri D B ghandu jigi dikjarat wild naturali tieghu;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat id-digiret moghti fid-29 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat, fuq talba tal-partijiet, korrezzjoni fil-korp tac-citazzjoni u fit-talbiet attrici, stante t-twelid fil-mori tal-kawza ta’ tifel iehor Jayden mill-konvenuta C B;

Rat ir-rapport xjentifiku ta’ l-espert gudizzjarju Dr.Renald Blundell, minnu debitament mahluf [fol.39 et seq.];

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni odjerna hija dik ta’ denegata paternita’ li permezz taghha l-attur qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri D u l-minuri Jaden mhumiex il-wild

naturali tieghu; u talab il-korrezzjoni konsegwenzjali fl-Atti tat-Twelid tal-minuri, bin-numri 1587/2003 u 2571/05 rispettivament;

Illi mill-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-konjugi A B, l-attur, u C B konvenuta sseparaw de facto f' Novembru 2001 u kemm qabel dik id-data kif ukoll wara, ir-relazzjonijiet intimi bejn dawn il-konjugi waqfu. F' Marzu tas-sena 2002 il-konvenuta C B bdiet hbiberija mal-kjamat fil-kawza li zviluppat f' relazzjoni li minnha twieled it-tifel D fit-23 ta' April 2003. Sussegwentement, f' Settembru tas-sena 2004 C B u E F bdew jikkoabitaw flimkien u fis-26 ta' Lulju 2005 twieled Jaden, it-tieni minuri ta' C B. F' Jannar tas-sena 2005 il-konjugi sseparaw bonarjament.

Kemm l-attur kif ukoll martu l-konvenuta kkonfermaw li r-relazzjonijiet intimiti bejniethom waqfu f' Novembru 2001, u l-konvenuta B tikkonferma li minn dak in-nhar hija ma kellhiex xtaqsam aktar ma' l-attur u f' Marzu 2002 hija kellha relazzjonijet intimi unikament mal-kjamat fil-kawza kemm fiz-zmien tal-koncepitment tal-minuri D u ta' Jaden.

Illi l-azzjoni odjerna, li hija bazata fuq id-dispost ta' l-Artikolu 70[1] tal-Kap.16 tista' tingieb b' success jekk jigi provat dak kontemplat fil-paragrafu [b] u cioe' li fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri l-konjugi kienu separati de facto jew de jure, u li f' dak il-perijodu l-konjugi ma jkunux inghaqdu anke temporanjament.

Fil-kaz odjern irrizulta provat dak kontemplat fil-paragrafu precitat, tant li l-konjugi ilhom separati de facto minn Novembru 2001 u min dak iz-zmien ma kienx hemm rijunjoni bejniethom, lanqas temporanea, filwaqt li l-minuri twieldu hafna zmien wara.

Illi fil-konfront tal-minuri D ir-rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuna ta' l-attur, tal-konvenuta C B, tal-minuri u tal-kjamat fil-kawza E F, eskludu b'certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-istess minuri; u mill-provi akkwiziti jirrizulta li dan huwa l-wild naturali tal imsemmi E F.

In vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba attrici hija sostnuta mill-provi u ghandha tigi milqugha fil-konfront tal-minuri D biss, u mhux fil-konfront tal-minuri Jaden stante li dan il-minuri ma huwiex parti fil-kawza kif inhu tassattivament rikjest fl-Artikolu 75[1][b] tal-Kap.16 li jirrikjedi li l-minuri jkun rapprezentat b’ kuratur nominat mill-Qorti ad litem.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, limitatament kif ser jinghad billi:

Tiddikjara li l-minuri Brooklym mhuwiex it-tifel naturali ta’ l-attur izda huwa t-tifel naturali ta’ tal-kjamat fil-kawza E F li ghandu n-numru ta’ l-identita’ 433072, bin A u Emanuela nee’ Bonnici imwieled il-Pieta’ u joqghod Xaghjra Zabbar; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 1587/03 tal-minuri D billi jitnehha l-isem u l-konnotati ta’ A B u minflok jitnizzel l-isem tal-tal-kjamat fil-kawza E F u l-konnotati tieghu;

Tichad it-talbiet fil-konfront tal-minuri Jayden;

L-ispejjez tar-rapport xjentifiku jkunu a kariku tal-konvenuta Geogina B u E F fi kwoti wgwali bejniethom; filwaqt li l-kumplament ta’ l-ispejjez jigu spartiti in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-istess zewg konvenuti, u r-rimanenti kwart [1/4] jibqa’ a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------